MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 21/2012

**A B**
**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet sseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt datat 03 ta' Dicembru 1987, fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion, vide kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok A, u ghaldaqstant ilhom legalment separati ghal aktar minn 4 snin;

Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzoni, r-rikorrent A B huwa obbligat ihallas lill-martu s-somma ta' LM 50 fil-gimgha, rivedibbli u awmentata kull hames snin skond l-indici tal-gholi tal-hajja bhala manteniment ghaliha. Dan il-manteniment huwa wiehed adegwat hekk kif konkordat

bejniehtom fl-att ta’ separazzjoni fuq msemmi u r-rikorrent dejjem ghamel il-hlasijiet dovuta minnu;

Illi r-rikorrent jrid iholl iz-zwieg fuq msemmi;

Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji mposti mill-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan billi:
(1) ghaddew aktar minn 4 snin mid-data tas-separazzjoni legali;
(2) ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
(3) l-manteniment ricevut mill-esponenti mara huwa wiehed adegwat hekk kif konkordat bejniethom fl-att ta’ separazzjoni fuq msemmi;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

(1) tordna illi iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar it-30 ta’ Ottubru 1960 jigi mahlul,
(2) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien iffissat minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor meqjus xieraq u opportun.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li in forza taghha eccepiet:

1. Illi l-esponenti qed toggezzjona u topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti stante li tul iz-zmien l-istess rikorrent naqas regolarment milli jadempixxi l-obbligi tieghu kuntrattwali li jhallas il-manteniment pattwit fil-kuntratt ta’ separazzjoni, liema nuqqas josta ghall-pronunzjament tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Di fatti, minkejja li skond il-klawsola numru 2 tal-kuntratt minnu esebit hu kien intrabat li jhallas rata ta’ hamsin lira Maltin (LM50) fil-gimgha liema rata kellha tigi riveduta w awmentata kull hames snin skond il-bidla fir-rata tal-inflazzjoni pubblikata ufficjalment mill-Gvern fl-iskeda taht l-Artikolu 10 c tal-Ordinanza tal-1959 lil tnehhi l-Kontroll tad-Djar, u b’dana li qatt ma tista’ tonqos fuq is-

sena ta’ qabel, hu baqa’ dejjem ihallas rata ta’ sittin lira Maltin (LM60) fil-gimgha u ma sarux l-awmenti relattivi li kellhom isiru skond il-kuntratt. Ghalhekk sal-lum huma dovuti arretrati f’somom konsiderevoli li r-rikorrent ghandu jissalda qabel ma jottjeni id-divorzju mitlub. Inoltre r-rikorrent ghandu jaghti garanzija adegwati ghall-hlas ta’ manteniment futur b’tali awmenti eventwali kif pattwit;

3. Illi oltre dan, ir-rikorrent naqas ukoll milli jonora l-obligi tieghu ai termini tal-Artikolu 3 (c) (v) tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni, u dana peress illi naqas milli jhallas il-kontijiet tax-xoghol ta’ manutenzjoni tal-villa kollha, inkluzi dawk tas-swimming pool.

4. Illi l-esponenti tixtieq ukoll tirrileva il-htiega ta’ emenda fil-kuntratt ta’ separazzjoni relattiv li zgur ser johloq komplikazzjonijiet ghaz-zewg partijiet fil-futur f’kaz ta’ xi eventwali trasferiment tad-dar residenzjali jew xi parti minnha. Di fatti filwaqt li fil-klawsola 3 (b) gew assenjati *inter alia* lill-esponenti il-pjan terren u l-basement tal-Villa Dornick, Sir Augustus Bartolo Street, Ta’ Xbiex, …. Bis-servitu ta’ passagg mill-intratta u mit-tarag favur l-ewwel pjan tal-imsemmija villa ….’ kif ukoll skond il-klawsola 3 (c), ‘*in-nofs indiviz tal-gnien u s-swimming pool tal-imsemmija Villa Dornick….’,* fil-klawsola numru 10 hemm zball manifest. Dan ghaliex din il-klawsola tghid ‘*Salv kif miftiehem fuq, il-proprjeta’ immobbli kollha tal-komunjoni tigi assenjata lil A B u ghaldaqstant Genoveffa B qed tassenja lil A B, li jaccetta* ***N-NOFS INDIVIZ*** *tal-Villa Dornick f’Ta’ Xbiex fuq deskritta, kif ukoll* ***KWALSIASI SEHEM INDIVIZ*** *tal-flat internament markat bin-numru tlieta u ghoxrin (23) f’St. George’s Park fi Spinola.’*

5. Issa ladarba fil-klawsola 3(a) kienet giet assenjata parti DIVIZA tal-villa lill-esponenti, lir-rikorrent kellha tigi assenjata il-PARTI DIVIZA rimanenti u mhux in-nofs indiviz tal-villa kif sar fil-klawsola 10. Inoltre l-esponenti suppost li assenjat lil zewgha in-nofs indiviz taghha tal-flat u mhux ‘kwalsiasi sehem’ kif inkiteb fl-istess klawsola. Ghalhekk hu fl-interess taz-zewg partijiet li dawn l-izbalji jigi emendati ghax jistghu johlqu komplikazzjonijiet fil-futur f’kaz ta’ trasferimenti.

6. Ghal dawn il-motivi u ghal dawk li jirrizultaw ahjar fit-trattazzjoni tar-rikors it-talba ghandha tigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti u il-provi kollha li tressqu;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat il-verbal tat-30 ta' Mejju 2013 illi permezz tieghu l-avukat difensur tal-intimata iddikjarat illi l-intimata ma ghadhiex topponi ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur peress illi thallset l-arrettrati kollha ta' manteniment dovuti lilha mir-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Dicembru 1987 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------